IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MILL-ISTITUZZJONIJIET U L-ORGANI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' 25.5.2007

li taħtar żewġ membri Olandiżi fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2007/C 122/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/651/KE, Euratom tal-15 ta' Settembru 2006 li taħtar il-membri Belġjani, Griegi, Irlandiżi, Ċiprijotti, Olandiżi, Pollakki, Portugiżi, Finlandiżi, Svediżi u Brittaniċi kif ukoll żewġ membri Taljani tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2006 sa l-20 ta' Settembru 2010 [1],

Wara li kkunsidra n-nomini mressqa mill-Gvern Olandiż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi żewġ postijiet ta' membri Olandiżi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewroopew hawn fuq saru vakanti wara r-riżenja tas-Sinjuri SLOOTWEG u ETTY,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur MEIJER u s-Sinjura VAN WEZEL huwa maħtura membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew b'sostituzzjoni tas-Sinjuri SLOOTWEG u ETTY għall-perijodu li jifdal tal-mandat tagħhom, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hija tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussel, fi 25.5.2007.

Għall-Kunsill

Il-President

A. Schavan

[1] ĠU L 269 tat-28.9.2006, p. 13.